MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Numru 5/1999

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-23 ta' April 1999 kontra Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah **(1)** ta' komplicita' f'serq ta' oggetti w flus li

jiswew anqas minn mitt lira (LM100) izda aktar minn ghaxar liri (LM10), liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza ghax sar flimkien ma' omicidju volontarju, lok u hin talli cioe` b'xi mod li jkun xjentement ghen u assista lill-awtur tad-delitt fl-attijiet li bihom id-delitt kien gie preparat u kkunsmat u talli xewwex lill-awtur u sahhah il-volonta` tieghu biex jaghmel id-delitt u weghdu li wara l-fatt jassistieh, jieqaf mieghu w jikkompensah; **(2)** talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih **(1)** b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabu lill-akkuzat Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah hati tal-akkuza taht l-ewwel kap tal-att tal-akkuza, pero` minghajr il-kwalifika tal-lok; u **(2)** b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabu lill-akkuzat Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah hati tal-akkuza taht it-tieni kap tal-att tal-akkuza, iddikjaratu hati **(1)** ta' komplicita` f'serq ta' oggetti u flus li jiswew anqas minn mitt lira (Lm100) izda aktar minn ghaxar liri (Lm10) fl-4 ta' Frar 1998, fil-Gzira, ghall-habta tad-9.30 pm., liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza ghax sar flimkien ma' l-omicidju volontarju ta' Alfie Rizzo, u bil-hin, talli cioe` b'xi mod li jkun xjentement ghen u assista lill-awtur tad-delitt fl-attijiet li bihom id-delitt kien gie preparat u kkunsmat u talli xewwex lill-awtur u sahhah il-volonta` tieghu biex jaghmel id-delitt u weghdu li wara l-fatt jassistieh, jieqaf mieghu w jikkompensah u dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza; u **(2)** talli fl-4 ta' Frar, 1998 u xi zmien qabel, fil-Gzira u bnadi ohra, kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 17(a), 23, 32, 42, 43, 261(a) u (f), 262(1)(a)(2), 270, 272 u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) u l-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah ghall-piena ta' prigunerija

ghal ghomru izda minghajr ir-rekluzjoni u kkundannatu wkoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' elf mija u tmienja u disghin liri Maltin u sbatax il-centezmu (Lm1198.17) rapprezentanti nofs (½) l-ispejjez kollha tal-perizji inkorsi tul il-kumpilazzjoni li hu ghadda flimkien ma' ko-akkuzat iehor, u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali. Inoltre l-ewwel Qorti ordnat il-konfiska ta' l-esebiti li ntuzaw fil-kommissjoni tar-reati, bl-eskluzjoni ta' oggetti proprjeta` tal-vittma stess jew ta' terzi persuni mhux involuti fir-reati, favur il-Gvern ta' Malta.

Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dottor Joseph Brincat ghall-hati kif ukoll mill-Assistent Avukat Generali tar-Repubblika, Dottor Anthony Barbara u kkunsidrat is-segwenti:

"Qieset is-sottomissjonijiet **<u>kollha</u>** tad-difiza dwar il-piena li jinsabu registrati w senjatament **<u>izda mhux biss</u>** is-segwenti w cioe`: li l-verdett tal-gurati kien l-inqas wiehed possibbli skond il-ligi biex tinstab htija w ghalhekk il-Qorti kellha d-diskrezzjoni li ma tapplikax il-piena statutorja ta' ghomor il-habs u li ma kellux ikun hemm distinzjoni bejn dan il-kaz u kazijiet ohra fejn giet applikata l-istess diskrezzjoni; li l-hin li hadu l-gurati biex jiddeliberaw jindika certa diffikulta` li setghu sabu biex jilhqu d-decizjoni taghhom. Li mill-komportament tieghu anki waqt il-guri, fejn hu ma xehedx, il-hati juri li ghad jista' jigi re-integrat fis-socjeta` eventwalment; li d-difensur, meta kien idur biex ikellem lill-hati waqt il-guri kien isibu jitlob minn ktieb zghir u ma jirrispondihx; li d-difensur kien infurmat li l-hati kien gej minn familja tajba fil-Libja fejn missieru kien xi ufficjal tal-Pulizija Libjana. Li kien minnu li l-hati kien harab mill-habs u gie sentenzjat dwar dan u issa kien wasal biex jiskonta l-piena li kien wehel ghal din il-harba, pero` l-Qorti kellha tordna li jitnaqqas mill-piena dak il-periodu fejn kien ghadu biss taht arrest preventiv. Lanqas ma kien sew li l-Prosekuzzjoni tibbaza l-argument taghha fuq l-allegat prostituzzjoni tal-irgiel da parti tal-hati – li hu ma giex akkuzat bihom - u l-fatt tal-harba mill-habs li hu gja qed jiskonta sentenza dwarha.

"Qieset is-sottomissjonijiet kollha ta' Dr. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni u cioe`:- li l-Prosekuzzjoni ma kinitx taqbel li f'dan il-kaz il-Qorti kellha tezercita d-diskrezzjoni li taghtiha l-ligi biex ma tapplikax il-piena ta' ghomor il-habs. Dan ghaliex il-hati kien haraq il-hajja ta' haddiehor a beneficcju tieghu w kien il-*"mastermind"* meta hajjar lil El Baden biex isir id-delitt. Hu kien mistieden f'Malta w abbuza minn dan billi kien involut fil-prostituzzjoni ta' rgiel. Jekk verament il-hati kien gej minn familja tajba, kien imissu kien jaf x'qed jaghmel. Jekk verament waqt il-guri kien qed jitlob, zgur li l-fidi tieghu ma kinitx tghid li ghandek tqabbad l-irgiel jaghmlu dak li ghamel El Baden. Il-Prosekuzzjoni tenniet li dan kien qtil krudili w qarrieqi li sar bil-hsieb u bi skop. Il-hati kien jaf bid-debulizza ta' Alfie Rizzo w tefghalu l-lixka w ghamillu nasba. Irrizulta mbaghad ghal kemm flus Rizzo spicca mejjet. Hu rrifera ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici**" fejn dik il-Qorti esprimiet il-veduta li f' kazijiet ta' delitti kbar ta' vjolenza w qtil ghandu jkun hemm pieni horox. Li l-hati kien instab hati ta' zewg delitti distinti w separati u ghalhekk kien applikabbli l-artikolu 17(a) tal-Kodici Kriminali li jghid li persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, illi jaqghu taht pieni li jnaqqsu l-liberta` personali, li wahda minnhom tkun ghal ghomor, tigi kkundannata ghal din il-piena biz-zieda tar-rekluzjoni. Il-hati, waqt li kien taht arrest preventiv, kien harab mill-habs flimkien ma' ohrajn u kien hemm diffikultajiet kbar biex inqabdu. Hu wehel sitt snin prigunerija w dan kien juri li hu mhux persuna affidabbli. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni nsistiet ghall-piena ta' ghomor il-habs.

"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

"Ikkonsidrat;

"Illi l-artikolu 272 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-hati ta' serq li jsir flimkien ma omicidju jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru w skond l-artikolu 43 il-komplici f'delitt jehel il-piena stabilita ghall-awtur. Izda skond l-artikolu 492(2) il-Qorti tista' taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma

jkunx inqas minn tnax-il sena minnflok il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta' fatt li ghalih hemm stabilita l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi. Din hija fakolta` diskrezzjonali li tinghata lill-Qorti li tiddipartixxi mill-piena statutorja tal-prigunerija ghall-ghomor u tista' tintuza, jekk tintuza, wara d-debita konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

"Ir-reat taht it-tieni kap tal-att tal-akkuza mbaghad igib piena massima ta' multa ta' mhux izjed minn hamsin lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux zjed minn tlitt xhur.

"Ikkonsidrat;

"Illi l-Qorti qieset il-gravita` tar-reat tas-serq u c-cirkostanzi akkompanjanti w l-mod brutali li bih, biex isir is-serq, intasbet w inqatlet il-vittma w dan kollu bil-komplicita` attiva li hadet diversi forom da parti tal-hati. Qieset li kif irrizulta l-hati kien speci ta' *leader* ta' numru ta' zghazagh Libjani  w li kien jezercita certa nfluwenza fuqhom fiz-zmien tad-delitt. Li l-motivazzjoni tad-delitt odjern kienet wahda li jinsterqu flus u li r-reat kien wiehed premeditat u ippjanat u li ma garax b'xi kumbinazzjoni jew kawza ta' xi incident li seta' b'xi mod ipprovokah.

"Illi il-Qorti ma tistax umbaghad tinjora l-fatt li fid-29 ta' Marzu, 2000, cioe`,wara circa sentejn li l-hati kien ilu l-habs taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, hu kien issekwestra w arresta gwardjani tal-habs civili ta' Kordin li gew ukoll feruti u mhedda bil-mewt u mgieghla jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li kellha x'taqsam mall-karika taghhom; attakka w irrezista lill-istess ufficjali tal-habs;  harab mill-istess habs  u barra mill-habs arresta w ssekwestra persuna ohra, ikkommetta serq aggravat ta' vettura, dahal f'lok jew recint f'Ghajn Tuffieha bi ksur tal-ligi, zamm fuqu armi li jaqtghu w bil-ponta minghajr licenzja w laqa' ghandu hwejjeg misruqa.

"Hu minnu li dawn id-delitti graw wara dawk mertu ta' din il-kawza w li l-akkuzat gja skonta jew qed jiskonta sentenza ta' sitt snin prigunerija ghalihom u li m'ghandux

jerga’ jigi kastigat dwarhom. Mill-banda l-ohra pero`, dan juri li l-hati ma kienx nidem ta’ dak li kien wettaq f’dad-delitt sentejn qabel u li, kieku kien ghalih, harab biex jevita li jiskonta d-dejn tieghu mas-socjeta`. F’dawn ic-cirkostanzi wiehed jirravviza li l-hati jaqa’ taht il-kategorija ta’ kriminali deskritti bhala li jikkostitwixxu minaccja serja ghas-socjeta` w fejn ***“..the protection of the public makes it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence be passed.”*** *(BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (Blackstones Press Ltd. 2001 edit.)*.

“Umbaghad f’dan il-kaz il-hati zgur li ma kkoopera b’ebda mod mal-Pulizija tul il-kors tal-investigazzjoni anzi ghamel kull ma seta’ biex jiskaguna ruhu mid-delitt de quo w kif intqal, wara li gie mixli bl-istess delitt, harab mill-habs fejn kien mizmum “awaiting trial”. Bil-fatt li ghazel li ma jitlax jixhed fil-guri tieghu, dritt li hu kellu, ma jistax jadduci xi argument in mitigazzjoni favur tieghu kif donnha riedet timplika d-difiza fil-kors tat-trattazzjoni dwar il-piena. L-informazzjoni li qal li kellu d-difensur dwar il-familja tal-hati, li b’ebda mod ma rrizultat pruvata lil din il-Qorti, fi kwalunkwe kaz ma tistax titqies bhala xi mitigazzjoni ghax hawn mhux il-familja tieghu li qed tigi processata imma hu wahdu fuq dak li ghamel.

“Fid-dawl ta’ dan kollu, ghalkemm il-Qorti  ghandha l-fakulta` li minflok piena ghall-ghomor tapplika l-piena fil-parametri indikati fl-Artikolu 492(2) stante li l-voti tal-gurati ma kinux unanimi, meta giet biex tiddeciedi jekk ghandhiex tezercita d-diskrezzjoni li taghtiha l-ligi biex ma tapplikax il-piena ta’ ghomor il-habs jew le, il-Qorti, ghalkemm qieset il-konsiderazzjonijiet kollha fuq msemmija mid-difiza favur il-hati gja` in succint riepilogati, ma tistax tinjora l-fatt li minhabba dan id-delitt tragiku, deliberat u krudili motivat mill-flus, fejn il-hati bl-inkorragiment, thajjir, ippjanar u ghajnuna li ta lill-awtur billi fornieh bl-arma micidjali w weghdu li jieqaf mieghu wara d-delitt, kif irrizulta li ghamel, giet mitmuma hajja umana, u konsegwentement  tqis li m’ghandhiex f’dan il-kaz tezercita  d-diskrezzjoni li taghtiha l-ligi fl-artikolu 492(2) tal-Kap.9.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah pprezentat fid-29 ta’ Novembru 2004 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonferma l-verdett tal-gurati li eskludew l-aggravanti tal-lok mis-serq, tilqa’ t-talba tieghu ghax-xiehda ta’ Walid skond l-artikolu 506 u li dan jinstema’ minn din il-Qorti, u konsegwentement tirrevoka l-kumplament tas-sentenza u hekk tilliberah minn kull htija u piena, kif ukoll dwar l-ispejjez, jew minhabba xiehda gdida tordna l-kancellament tal-verdett u sentenza u li jkun hemm smiegh mill-gdid (*re-trial*) u fi kwalunkwe kaz taghti, u dan minghajr pregudizzju, piena li aktar taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma bazikament is-segwenti: (1) ghandu jithalla jirrintraccja lil certu Walid li ssemma’ minn El Baden sabiex jingieb bhala xhud f’dan l-istadju; (2) kien hemm irregolaritajiet fil-proceduri li kellhom effett fuq il-verdett; (3) kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li kellha effett fuq il-verdett; (4) kien hemm sejbien hazin ta’ htija; (5) il-piena kienet gravuza z-zejjed; (6) l-ispejjez peritali mhux dovuti ghax ma kien hemm ebda talba mill-prosekuzzjoni skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Dawn l-aggravji se jigu trattati *seriatim*.

Dwar **l-ewwel aggravju** din il-Qorti tirreferi ghan-nota ta’ l-appellant tat-30 ta’ Novembru 2005[1] fejn l-appellant, wara li ppremetta illi Walid gie rintraccjat il-Libja pero` qed jirrifjuta li jaghti xiehda tieghu peress li jibza’ li jista’ jinkrimina ruhu f’Malta u illi, ghall-finijiet ta’ l-argument legali, ix-xiehda ta’ Walid kien ikollha rilevanza kbira stante li kien hemm allegazzjoni ripetuta li l-appellant ta

[1] A fol. 494.

sikkina lil El Baden li da parti tieghu cahad li kien l-appellant u li kien dan Walid, iddikjara li ma jinsistix izjed ghat-talba tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel aggravju, filwaqt li tosserva li dak li l-appellant qal dwar Walid fir-rikors tieghu ma jikkostitwixxi l-ebda prova.

Permezz tat-**tieni aggravju** tieghu l-appellant isostni illi kien hemm irregolaritajiet fil-proceduri li kellhom effett fuq il-verdett. L-appellant jghid illi fl-indirizz li ghamlet lill-gurati u anke fis-*sample verdict* li nghata lill-gurati l-ewwel Qorti ma zammitx bilanc imparzjali fil-prezentazzjoni tal-fatti u tal-ligi. Jghid illi huwa minnu li l-Imhallef jista' jkollu l-opinjoni tieghu, izda jrid ghall-inqas ipoggi sew quddiem il-gurati t-tezijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza. L-appellant imbaghad jispjega dan l-aggravju hekk:

"L-akbar problema kienet dwar ix-xhud El Baden. Il-prosekuzzjoni li ressqitu thalliet taqra l-istatements li kien ghamel qabel, fejn fl-istatements bil-miktub lill-pulizija u mhux guramentati tas-sighat bikrin ta' filghodu, El Baden kien involva lill-esponenti. Meta mar quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa xehed u ghalkemm inqraw l-istatements hu argumenta kontra taghhom, ghal dak li kellu x'jaqsam mieghu hu stess, imma kien kategoriku u minghajr tlaqliq li fi tliet okkazjonijiet bil-gurament tieghu qal li El Baden [*recte:* Shnishah] ma kienx baghtu jisraq, ma hax flus minghandu, u li kien tifel tajjeb.

"Waqt ix-xiehda tieghu, El Baden gie mistoqsi li l-istorja li kien qed jghid u fiha kien qed jiddeskrivi x'ghamel kienet qed turi li hu gideb mal-Magistrat.

"Fl-indirizz l-ewwel Onorabbli Qorti ripetutament sahqet li l-prosekuzzjoni kienet qed tghid li El Baden mhux ta' min jemmnu ghaliex kien hemm *statement* li kien jghid il-kontra u hu stess qal li quddiem il-Magistrat kien gideb.

"Xejn ma ssemma, l-anqas imqar darba, li d-difiza kienet enfasizzat li El Baden fl-ewwel opportunita` li kellu bil-

gurament kien eskolpa lill-esponenti, u dan kien qed jerga' jaghmlu ghat-tieni darba quddiem il-gurati. Dwar dan ma kienx hemm inkonsistenza. Imma l-ewwel Qorti baqghet tenfasizza l-i*statement* lill-pulizija. Ghalhekk l-esponenti jaghmel riferenza ghal dan il-bran li gej:

"**'However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', Blackstone Criminal Practice 2001 p 1448".**

"El Baden xehed ukoll kif kien mizmum u f'liema cirkostanzi kien ghamel l-ewwel statement tieghu. Ta raguni plawsibbli. Illum dak it-tip ta' interrogatorju mhux izjed permess, u jekk irridu nikkwotaw mill-posizzjoni ngliza rridu nghidu wkoll li persuna li tinzamm mit-3.30 a.m. sal-5.30 a.m. biex taghmel *statement*, mhux hin uman ghaliex ifixkel l-irqad normali ta' persuna. Il-kummenti tad-difiza mhux biss gew sorvolati, imma kancellati fl-insistenza li kollox kien *rite et recte*, u li dwar l-allegazzjoni tat-trattament kienet "kwistjoni ta' El Baden u mhux tal-akkuzat". Dan kien il-kumment ta' l-ewwel Qorti.

"L-enfasi fuq naha wahda ta' kemm kien sagrosant dak l-i*statement* kontra x-xiehda quddiem il-gurati, gabet sbilanc. Kien hemm kummenti wkoll li dak li allega El Baden li kien bla hwejjeg u jhoss il-bard fi Frar ma kienx kredibbli, u bil-mod kritiku kif gie trattat El Baden *'the issue of credibility was effectively withdrawn from the jury'*. Kien indirizzat ukoll mill-Qorti li seta' jigi arrestat minhabba x-xiehda li kien qed jaghti.

"Kwistjoni ohra bejn il-kredibilita` ta' Ahmed Shaafi u El Baden kienet dwar l-interess li kellhom it-tnejn. Waqt li mill-kontro-ezami hareg li kien hemm astju da parti ta' Ahmed Shaafi lejn l-esponenti ghaliex kien ried jifirdu

minn Stephen Sammut, El Baden min-naha l-ohra, stante li ma seta’ jibbenefika minn xejn, u kien qed jikkonferma dak li xehed dwar l-esponenti quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ma jistax jinghad li kellu xi interess. Il-fattur li El Baden ma kellux interess personali fl-ezitu tal-kaz ta’ l-esponenti ma tressaq qatt quddiem il-gurati. **‘Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury …. To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side …. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides’ Archbold 2003 p. 464.**

“Dan il-kaz kien iholl u jorbot fuq zewg xhieda tal-prosekuzzjoni li wiehed qal li sema’ u l-iehor qal li wettaq. Kien hemm diversi ragunijiet ghala El Baden kellu jitwemmen quddiem il-gurati, u d-difiza dawn ghamlithom, izda l-ebda argument ma tressaq biex jirrispondi ghala El Baden fl-istatement qal mod, u quddiem il-Magistrat bil-gurament u quddiem il-gurija eskolpa lill-esponenti. Inutli li Imhallef jghid lill-gurati: ‘Araw intom temmnuhx ghaliex din hi kwistjoni taghkom’. Skond il-bran ta’ hawn fuq l-ewwel dmir qabel ihalliha f’idejhom hu li ghandu *‘fairly state and analyse the case for both sides’*. Dan japplika anke ghall-kredibilita` ta’ xhud. U l-Imhallef ghandu jaghti *‘full and fair weight to the evidence and arguments of each side’*. Mhux bizzejjed li jghid li din kwistjoni tal-gurati, meta l-enfasi tkun unikament fuq l-argumenti li gabet il-prosekuzzjoni dwar xhud, ghala wiehed temmnu u l-iehor le. Ghall-korrettezza ghandu jinghad li meta tkellem fuq il-fatti dwar Ahmed Shaafi ssemmiet il-kwistjoni tal-pika dwar Stephen Sammut, imma din kienet riferenza qasira hdejn ir-ripetizzjoni ripetuta dwar li wiehed kien konsistenti u l-iehor biddel il-verzjonijiet.”

L-appellant donnu jilmenta dwar il-fatt li l-prosekuzzjoni thalliet taqra l-istqarrijiet originali ta’ El Baden, stqarrijiet fejn l-imsemmi El Baden implika lill-appellant bhala l-mandanti tieghu – kuntrarjament ghal dikjarazzjonijiet sussegwenti tieghu fejn sostna illi l-appellant kien baghtu

biss biex ikollu relazzjoni sesswali mal-vittma. Ma hemm xejn fil-ligi li jipprekludi li dan isir. Ghall-kuntrarju, l-artikolu 586 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta – kif applikabbli ghall-qrati ta' gustizzja kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – jipprovdi :

**"(1) Qabel ma tigi attakkata l-kredibbiltà ta' xhud bi provi li f'okkazjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda tieghu, ghandhom jinghadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet bic-cirkostanzi taz-zmien, tal-lok u tal-persuni prezenti u huwa ghandu jigi mistoqsi jekk kienx ghamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet; u ghandu jigi lilu moghti li jispjegahom.**

**(2) Jekk dawk id-dikjarazzjonijiet kienu saru bil-miktub, ghandhom jigu murija lix-xhud qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom."**

Hija proprju din il-procedura li ntuzat meta xehed El Baden. U l-enfazi ripetuta li ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu kien sabiex il-gurati ma jehdux dik l-istqarrija ossia dawk l-istqarrijiet bhala prova <u>kontra</u> l-appellant. L-Imhallef li ppresjeda l-guri ripetutament enfasizza li dawk l-istqarrijiet u dak li El Baden qal fl-inkesta dwar l-*in genere* seta' jwassal lill-gurati <u>biss</u> biex jemmnu jew ma jemmnux dak li El Baden xehed waqt il-guri, ghax kienet ix-xiehda ta' El Baden waqt il-guri li kienet taghmel prova fil-guri u mhux dak li kien qal jew ma qalx fl-istqarrijiet mhux guramentati li kien ghamel.[2] Hekk f'wiehed minn dawn il-brani[3], l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal:

"Mela jekk qed jghid xi haga Aimen fl-istqarrija tieghu … u f'dik l-istqarrija li nqrat issemma diversi drabi l-akkuzat tallum, dik assolutament ma taghmilx prova kontra l-akkuzat. Mela jekk Aimen meta kellem lill-pulizija l-ewwel darba, qal li l-akkuzat kien involut mieghu, u ppjanaw kollox minn qabel u dan kollu, din taghmel prova biss

[2] Ara indirizz pagni 12 – 13, 29 – 30, 60 – 61, 77. Ara wkoll p. 70.
[3] *Ibidem* pagni 29 – 30

kontra Aimen u ma taghmilx prova hawnhekk. Jekk imbaghad illum gie Aimen hawn, u dak li kien qal f'dik l-istqarrija xehdu hawn bhala xiehda tieghu, allura mbaghad tqum il-kwistjoni l-ohra tax-xhud ko-akkuzat, korroborazzjoni u mhux korroborazzjoni, pero` jekk ser noqoghdu biss fuq l-istqarrija ta' Aimen, li smajna tinqara ghal darba darbtejn hawn, f'dik l-istqarrija kien hemm xi riferenza ghal dak li llum huwa akkuzat wahdu imma beda ko-akkuzat mieghu, dik ma taghmilx prova kontra l-akkuzat tallum. Diga` ghidtilkom dik l-istqarrija ta' Aimen tista' sservi biss illum biex naraw lil Aimen ghandniex nemmnuh, jekk hux konsistenti jew le. Pero` anke jekk ma nemmnuhx f'dak li qal illum ma nistghux nghidu li huwa ppruvat dak li qal lill-pulizija, fuq li qal Aimen biss, fuq li qal xhud iehor forsi – din importanti tifhmuha. Mela stqarrija taghmel prova u tista' tippregudika biss lil min jaghmilha u lil hadd aktar. Mela ghal dak li jirrigwarda lill-akkuzat irridu naraw x'qal hu kemm fl-istqarrija bil-miktub u kemm jekk tkellem ma' haddiehor. A rigward ta' Aimen tinteressa lil Aimen biss u ma tista' qatt taghmel hsara lill-akkuzat. U din importanti zzommuha f'raskom il-hin kollu biex ma tigux influwenzati indebitament b'dak li stajna smajna l-bierah fejn Aimen kien qieghed fil-waqt li jammetti l-htija tieghu, ukoll idahhal mieghu lill-akkuzat. Jekk ser tinstab xi htija fuq l-akkuzat, ma tistax tinstab fuq dik imma wiehed irid ifittex f'xi provi ohra jekk hemm."

Inoltre l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta direttiva lill-gurati biex jaccettaw it-tezi tad-difiza li jekk il-gurati kienu se jemmnu dak li El Baden qal waqt il-guri, u cioe` li skaguna lill-appellant ghal kollox, dan ma kellux bzonn ta' korroborazzjoni[4]:

"… il-Qorti se ttikom direttiva li anke dik it-tezi tad-difiza taccettawha, fis-sens illi fejn Aimen hawnhekk qal, isma' dak ma kellux x'jaqsam mieghi, u dak ma kellux x'jaqsam xejn mal-qtil u mas-serq ghax ma baghtnix nisraq imma baghtni biex naghmel l-atti sesswali, ma ghandux bzonn korroborazzjoni biex temmnuh dak, sintendi tistghu ma temmnuhx ukoll, mhux ghax mhux korroborat imma ghax

[4] *Ibidem* pagna 31. Ara wkoll p. 64

ma temmnux lil Aimen per ezempju, qed niftehmu, halli nkunu precizi, dawn naqra rqaq dawn id-distinzjoniiet imma importanti. Halli nerga' nirrepetiha. Fejn qed jghid kontra tieghu, jekk qed jghid xi haga kontra tieghu, dak irid il-korroborazzjoni ghax darba kien imcappas mieghu, ghall-inqas qed tghid il-prosekuzzjoni ghax hekk qed tallega l-prosekuzzjoni u qed jallega x-xhud ukoll, mhux f'dan il-kaz tafx, fejn ikunu tnejn li qed jghid 'iva kont mieghu' daka ma jistax, ghax daka, jista' jghidha imma trid ikollok il-korroborazzjoni. Fejn invece xhud li kien qieghed ma' l-iehor fil-bicca xoghol, qed jixhed xi haga favur l-iehor, u f'dan il-kaz ghandna l-kaz tipiku ta' Aimen, hemmhekk il-ligi jekk taqraha kif inhija donnha tiftiehem li ma hemmx ghalfejn korroborazzjoni, u la donnu hemm dan, hemm dubbju ghax donnu lanqas hemm dubbju wkoll, imma hemm dubbji fost l-avukati u fost l-imhallfin fuq dan il-punt, allura ahna ser niehdu dejjem il-linja l-aktar vantagguza ghall-akkuzat, li fejn qed jixhed favur tieghu ma ghandux bzonn korroborazzjoni. Dejjem tibqa' l-kwistjoni sintendi lil Aimen fejn qed jixhed favur tieghu temmnu jew ma temmnux, u dik kwistjoni taghkom. Nahseb li issa ccarata bizzejjed din u ma ghandniex ghalfejn inkomplu ninsistu fuqha. "

Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li jista' jinghad li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien **"so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury"**. Huwa minnu, kif jghid l-appellant, li certi argumenti ma ssemmewx fl-indirizz. Izda l-Qorti mhijiex tenuta li ssemmi <u>kull</u> argument avvanzat mill-partijiet. Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid:

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. <u>'[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been</u>**

**given…’** **(per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *‘Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences’.***

**“The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…” (pp. 178-180)** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Fl-ebda istanza waqt l-indirizz ma jirrizulta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma kkummenta **“adversely on an unconvincing defence”**. Barra minn hekk, fi stadju avvanzat ta’ l-indirizz, wara li ghamel referenza ghal-linji difensjonali, qal:

“… issa jiena mhux ser noqghod nargumenta x’qalet il-prosekuzzjoni u x’ma qalitx fil-kontro-replika, u fir-replika u fil-kontro-replika, ghax dawk l-argumenti smajtuhom illum, ghadhom friski jidwu f’mohhkom, u ma hemmx ghalfejn nerga’ nirrepetihom jiena, pero` l-linja ta’ difiza jiena obbligat li naghtihielkom u nahseb li koprejtha sew, sur avukat.

Dr. Brincat: Prattikament, Sur Imhallef.
Qorti: Prattikament iva.
Dr. Brincat: Halli, inkun …

Qorti: Le, le mhux issa, fil-kaz issa meta jidhlu l-gurati ghidli.
Dr. Brincat: Ghar-raguni …
Qorti: Le mhux issa, ghidli.
Dr. Brincat: Haga wahda.
Qorti: Ghidli u jiena nirranga wara.
Dr. Brincat: Le mhux biex nikkorregi.
Qorti: Le inti ma tistax titkellem issa hu pacenzja, quddiem il-gurati. Oqoghdu bilqieghda. Issa meta johorgu mbaghad jekk hemm xi diffikulta` ghidli u ghada fil-ghodu nelabora fuqha tibza' xejn, imma f'dan l-istadju ma tistax tindirizza l-gurati. Imbaghad ghada fil-ghodu se mai nirrimedjaw.
Jiena nahseb li issa s-sitta u nofs, bhas-soltu donnu li sar il-hin biex wiehed jistrieh. Ghada fil-ghodu nikkonkludu forsi naghmlu siegha b'kollox nispera ghax nahseb li koprejna hafna l-lejla, materjal. Jekk hemm xi punti li jiena nahseb li jkunu jridu ccarati, fuq dak li ghidna llum, niccarawhom ukoll nippruvaw, sewwa. Ghal dik li hija argumentazjoni kif ghidtilkom, ghadu frisk f'raskom x'argumentaw l-avukati l-bierah u dal-ghodu. Gabu l-argumenti taghhom, ikkonsidrawhom serjament, ovvjament la ta' naha u l-anqas ta' ohra ma jorbtukom, pero` tridu tikkonsidrawhom u taghtuhom l-importanza li jixirqilhom. Dawk huma interpretazzjoni tal-fatti li taghmel naha u ohra. Ghalkemm ma torbotkomx, sintendi fl-istadju tad-dibattitu huwa importanti biex lilkom jistradakom kif intom tistghu tinterpretaw il-fatti li ghandkom quddiemkom."

Jigifieri l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma skartax l-argumentazzjoni tad-difiza; anzi rrefera lill-gurati ghaliha. Inoltre ta l-opportunita` lid-difiza tissottometti lill-Qorti, wara li johorgu l-gurati, xi punti li d-difiza dehrilha setghu ma gewx ikkjarifikati bizzejjed.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004 (para. D16.16, p.1484)** naqraw:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding**

**robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

Fl-indirizz in kwistjoni ma jirrizultax xi **"inappropriate sarcasm or extravagant comment"** da parti ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Bil-fatt li rrefera ghal kif El Baden biddel il-verzjonijiet filwaqt Shaafi ma biddilx, l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jirreferi ghal fatt rizultanti. L-Imhallef li ppresjeda l-guri f'dan il-kaz ma jistax jigi kkritikat li kien parzjali ghax naqas milli jirreferi ghal xi argumenti tad-difiza meta, kif rajna, kien sahansitra ta l-opportunita` lid-difiza tattiralu l-attenzjoni ghal xi nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-indirizz qabel ma jkompli bl-istess indirizz. Inoltre l-Imhallef ripetutament fakkar lill-gurati li huma kienu l-imhallfin tal-fatt, u fl-ebda istanza ma cahhadhom jew nehhielhom id-dritt li jiddeciedu huma fuq il-fatti; anzi kkonkluda l-indirizz tieghu billi fakkarhom fil-gurament li kienu hadu fil-bidu tal-guri.

U kif qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** (p. 464 para. 4-376) u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. <u>But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically</u>**

**<u>in the summing up.</u> No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. <u>Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence.</u>"**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa dan li pprova jaghmel l-Imhallef li ppresjeda l-guri, cioe` li jghin lill-gurati **"reach a logical and reasoned conclusion on the evidence"**. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

Permezz tat-tielet aggravju, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi li kellha effett fuq il-verdett. F'dar-rigward l-appellant javvanza tliet ilmenti.

L-ewwel ilment jirrigwarda l-offiza gravi segwita bil-mewt fis-serq aggravat bil-vjolenza. L-appellant jghid illi waqt id-difiza sostna fit-tul li kien hemm elementi bizzejjed li juru li l-intenzjoni ta' El Baden kienet ta' offiza gravi li minnha giet kawzata l-mewt, minhabba l-konsegwenzi naturali ta' l-offizi, u li grat f'anqas minn erbghin jum. L-appellant jghid li din id-difiza sussidjarja kienet bazata fuq ix-xiehda ta' Ray Azzopardi li qal li kif mess lil Alfie Rizzo sema' karba, u dan kien habib kbir tieghu, u ta' Dr. Mario Scerri li qal li

Alfie Rizzo seta’ ma mietx mill-ewwel. Skond l-appellant, El Baden xehed ukoll li kien ghamillu offizi superficjali ghall-ewwel ghaliex kien qed jipprova jzommu lura minnu. Dawn kienu riskontrati fl-awtopsja. Kien hemm zewg *stab wounds* li kienu penetranti u ohrajn li kienu gravissimi minhabba li kienu fl-idejn jew fil-wicc. Imbaghad l-appellant ikompli jispjega dan l-ilment hekk:

“Illi qam dibattitu bejn il-Qorti u l-avukat difensur, u sahansitra l-Imhallef sedenti dar fuq il-prosekutur u qallu li kien hemm lacuna fil-ligi ghaliex taqbez mill-omicidju ghal feriti gravissimi u gravi, u ma tkoprix il-ferita gravi segwita mill-mewt u li kellu jigbed l-attenzjoni halli ssir emenda.

“L-esponenti baqa’ jinsisti li kif inhi miktuba l-ligi, peress li fuq il-feriti gravi taghmel distinzjoni biss bejn dawk imsemmija fl-artikolu 218, imbaghad l-ohrajn jigu l-kumplament, it-tentazzjoni hija li wiehed ihares lejn l-artikolu 216 biss, u jinsa li wara l-artikolu 218 hemm l-artikolu tal-ferita gravi segwita bil-mewt.

“Meta l-Qorti stiednet li jkun hemm vizjoni tas-*sample verdict*, l-esponenti baqa’ jsostni li kellha tiddahhal ipotesi tal-ferita gravi segwita bil-mewt, imma l-Imhallef wera li ma kienx lest li jaccetta ghaliex din terga’ titfa lura fuq iz-zewg ipotesijiet tal-ferita gravi jew gravissima. Din l-ipotesi ma dahlitx fis-*sample verdict*. L-esponenti talab li ghall-inqas din l-ipotesi titqieghed sew quddiem il-gurati.

“Tkompla l-indirizz u kien hemm riferenza ghaliha. Imma kollox rega’ nhatt lura meta l-Imhallef qal lill-gurati li ma kellhomx ghalfejn ihabblu rashom fuqha din ghaliex jaqghu fuq il-feriti gravi jew gravissimi.

“Dan hu zbaljat. Dan certament imur kontra l-brani kwotati hawn fuq. It-tezi tad-difiza ma kellha validita` ta’ xejn.

“Din l-enfasi mid-difiza saret ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ghamlet enfasi fuq l-intenzjoni omicida u sahqet fuq l-ghadd ta’ daqqiet u fuq fejn kienu u n-natura taghhom. L-unika alternattiva li taghti l-ligi dwar l-intenzjoni hija l-ferita gravi li ggib l-mewt, li tibda mill-feriti

gravi jew gravissimi, u bhala konsegwenza jkun hemm il-mewt. Ir-rizultat finali jkun l-istess, l-agir jista' jkun l-istess, imma kollox jorbot fuq l-intenzjoni.

"L-ewwel Onorabbli Qorti fixxklet bejn il-verdett u l-konsegwenzi tieghu. Ferita gravi segwita bil-mewt hija punibbli wkoll, ghaliex hija wahda minn dawk il-feriti mhux imsemmija fl-artikolu 218 imma hija ferita gravi. Jekk hemm kontradizzjoni fil-ligi, mhux kompitu tal-Qorti li tirrimedja ghalih fl-indirizz.

"In-nuqqas li tigi korrettement u bil-piz li jixraq it-tezi tad-difiza dwar il-ferita gravi segwita bil-mewt, **impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides.**"

L-ewwelnett din il-Qorti tosserva li l-appellant ma jistax jilmenta minn nuqqas ta' imparzjalita` da parti ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri semplicement minhabba interpretazzjoni u applikazzjoni allegatament hazina tal-ligi. L-Imhallef li ppresjeda l-guri ta dik li, fil-fehma tieghu, kienet l-interpretazzjoni korretta tal-ligi. B'daqshekk ma weriex ruhu parzjali. Fil-fatt fl-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal li "f'dan il-kaz, l-offiza fuq il-persuna gabet il-mewt pero` f'dan il-kaz il-ligi taghna ma taghmilx din id-distinzjoni – jew hemm omicidju jew inkella sa offiza fuq il-persuna tieqaf, ghax hawnhekk ma ghandniex id-delitt ta' omicidju."[5] Difatti, permezz ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza l-appellant gie akkuzat b'komplicita` f'serq kwalifikat bil-vjolenza ghax sar flimkien ma omicidju volontarju, lok u hin.[6]

Issa, l-artikolu 262(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"(1) Is-serq huwa kkwalifikat bil-'vjolenza' –**

---

[5] Indirizz pagna 40.

[6] Din il-kwistjoni fil-fatt giet dibattuta mad-difiza kif jirrizulta mit-traskrizzjoni tat-tape 23XX Side A mnejn jirrizulta li d-difiza pproponiet: "Illi l-gurati ghandhom jigu indirizzati jista' jkun hati ta' komplicita` fis-serq bl-aggravanti tal-vjolenza u cioe` feriti gravissimi u feriti gravi li minnhom grat il-mewt minhabba n-natura taghhom f'anqas minn erbghin jum u bil-hin."

**(a) meta jsir flimkien ma' omicidju, ma' offiza fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omicidju, jew ta' offiza fuq il-persuna jew ta' hsara fil-proprjeta`..."**

Fl-indirizz l-Imhallef ta direttiva lill-gurati, naturalment minhabba l-mod kif inhi redatta d-disposizzjoni appena citata, u anke in vista ta' dak li jiddisponu l-artikoli ta' l-istess Kap. 9 li jipprovdu dwar il-piena relattiva – artikoli 272 sa 276 – li m'ghandhomx ghalfejn joqoghdu jidhlu fil-kwistjoni ta' "jekk kienx hemm offiza gravi segwita bil-mewt, l-erbghin gurnata jew aktar biex dam – ma hemmx ghalfejn fil-verdett. Meta pero` intom qeghdin taghmlu dik il-konsiderazzjoni, isma' Aimen Said Ali El Baden hemm gew x'ghamel? Ghamel omicidju jew ghamel ferita gravi li nafu li giet segwita bil-mewt? Jekk tiddeciedu li ghamel ferita gravi segwita bil-mewt, mhux hekk tghidu fil-verdett u ser ikollkom tghidu, tghidu vjolenza mhux b'omicidju imma bil-ferita gravi jew bil-ferita gravissima skond ma rrizulta hawn."[7]

Fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jinghad li din l-interpretazzjoni hija skorretta. Id-distinzjoni li kellha ssir – u li l-gurati kellhom izommu f'mohhhom ghall-finijiet tad-determinazzjoni tar-responsabbilta` – tenut kont ta' l-akkuza kif prospettata fl-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza, kienet bejn jekk il-vjolenza kinitx xprunata minn *animus necandi* jew minn *animus nocendi*. Isegwi, ghalhekk, li ma jistax jinghad li kien hemm interpretazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Konsegwentement dan l-ilment qieghed jigi michud.

It-tieni lment jirrigwarda t-tieni kap ta' l-att ta' akkuza. L-appellant jghid li l-ewwel Qorti qalet li hu reat min jerfa' f'idu, anke d-dar, sikkina bil-ponta. Wiehed ghandu jzommha fil-kexxun. Waqt li l-Ordinanza taghmel differenza fejn jidhlu armi tan-nar, dan ma japplikax ghal kaz ta' skieken. L-appellant jghid li dan huwa zbaljat. Aktar tard il-Qorti fuq suggeriment tal-prosekuzzjoni ppruvat tinvolvi l-fatt li jekk l-appellant ta sikkina lil El

---

[7] Indirizz pagna 68.

Baden, allura hemm ir-reat. L-appellant isostni li l-ligi trid tigi interpretata fuq it-test Ingliz stante li kienet inkitbet qabel l-Indipendenza. Dak hu t-test li japplika. Fil-ligi l-kelma *"to carry"* hija distinta mill-kelma *"to keep"*. *"To carry"* hi tradotta "jkollu f'idejh jew fuqu". Huwa car mit-test tal-ligi bl-Ingliz, u anke wara kollox tal-Malti, li l-pussess tas-sikkina jkun barra mid-dar, u li wiehed igorru fuqu. Dan aktar johrog car mill-ezenzjoni tal-ligi fuq il-*penknife*. L-appellant hawn jirreferi wkoll ghall-fatt li Stephen Sammut iddefinixxa l-arma li kellu f'idejh l-appellant bhala *penknife* izda l-Qorti skartatu lil Stephen Sammut.

L-artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kien[8] jipprovdi li kull min "ikollu f'idejh jew fuqu" (fit-test Ingliz "whosoever shall carry") sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, ikun hati ta' reat kontra l-Ordinanza dwar l-Armi.

Bhalma osservat l-ewwel Qorti fl-indirizz taghha, il-ligi taghmel distinzjoni fir-rigward ta' armi tan-nar u munizzjoni, u cioe` bejn min izommhom "f'xi fond" u min "ikollu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew ikollu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu" (artikolu 3 tal-Kap. 66). L-artikolu 13 ma jaghmel l-ebda tali distinzjoni. Dan hu hekk, pero`, mhux ghax il-legislatur ried jippunixxi wkoll min ikollu f'idejh jew fuqu sikkina f'xi fond ghal skop legittimu. Wara kollox f'kull fond hemm skieken li jkollhom xafra bil-ponta u li ta' kuljum jintuzaw minn kull membru tal-familja. Ma tkun xejn aktar milli assurdita` li persuna li qieghda d-dar u li taqbad f'idejha sikkina bl-intenzjoni li taqta' l-laham jew il-hobz ikollha bzonn ta' licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex taghmel dan. L-istess jinghad ghal strumenti ohra bil-ponta, bhal strumenti li jintuzaw minn min jiddeletta jahdem bl-injam. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu 13 ma jistax hlief jigi interpretat li jkun hati tar-reat kontemplat fih kull min, minghajr id-debita sensja, ikun qed <u>igorr</u> (fizikament fuqu jew *"constructively"* f'vettura li

[8] L-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta) thassret bl-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta – Att XIV ta' l-2005), jigifieri wara d-data li fiha sehh ir-reat hawn in ezami.

huwa jkollu l-kontroll taghha) sikkina jew strument iehor, kif hemm deskritti, liema garr ma jkunx qed isir minhabba xi xoghol jew attivita` legittima li dak li jkun ikun qieghed dak il-hin iwettaq (ara wkoll l-artikolu 15(b) tal-Kap. 66), u ghalhekk indipendentement minn jekk il-garr ikunx sehh barra minn jew gewwa fond. Ghalhekk ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet illi “jekk inti din is-sikkina tohrogha mill-kexxun u tkun f’idejk jew fuqek, kemm barra u kemm gewwa … inti tkun hati ta’ dan ir-reat”. Jekk din l-interpretazzjoni skorretta setax kellha influwenza fuq il-verdett ser jigi ezaminat aktar ‘il quddiem f’din is-sentenza.

It-tielet ilment ta’ l-appellant huwa dwar il-piz tal-prova. Isostni li l-ewwel Qorti uzat ezempju li hu hazin biex tispjega lill-gurati l-piz tal-prova. Jghid li huwa veru li l-prosekuzzjoni trid tipprova sac-certezza morali u l-akkuzat biss sal-grad tal-probabbilita`. Sa hawn qalitu l-ewwel Qorti. Izda c-certezza morali tkun hemm meta kull possibilita` ohra hija eskluza. Jekk id-difiza fit-torri li tkun bniet il-prosekuzzjoni turi li jekk tnehhi erba’ gebliet mill-kantuniera dan it-torri jista’ jkun qisu ta’ Pisa, ic-certezza morali ma tkunx tnehhiet b’tezi kuntrarja tal-probabbli, imma bis-semplicita` tal-possibbli li jitnehhew erba’ gebliet li ma kinux imkahhlin sewwa. L-appellant jghid li l-ewwel Qorti ddeskriviet sular fuq l-iehor. Il-prosekuzzjoni trid tasal sal-ahhar jew it-tielet sular; ghad-difiza bizzejjed li tasal sat-tieni sular. Imma d-difiza tista’ tasal twaqqa’ dak li kien cert b’fattur possibbli wiehed. L-anqas hemm bzonn ikun probabbli. Bizzejjed li ma jkunx kimeriku jew *far-fetched*. Fejn id-difiza ggib ‘il quddiem alternattiva possibbli, ic-certezza tispicca. L-appellant imbaghad jghaddi biex jaghti dak li jiddeskrivi bhala ezempju prattiku fuq dan il-kaz: Ahmed Shaafi xehed u zamm certa verzjoni kontra l-akkuzat. Dak suppost igib ic-certezza morali tal-prosekuzzjoni. Id-difiza ma hemmx ghalfejn tipprova l-kuntrarju ghaliex hafna drabi l-anqas hu possibbli, ghax per ezempju ma tistax iggib lill-poplu Malti kollu xhud li ma semax dak il-kliem jinghad. Suppost li kif xehed qed jaqdi l-bzonnijiet tal-gustizzja. Ma hemmx bzonn tal-prova kuntrarja sal-grad tal-probabbilita`. Bizzejjed li minn kliemu stess jigi pruvat li hu kellu animu

kontra l-akkuzat, sal-grad tal-possibbli, ghaliex dik ic-certezza morali tispicca. Ic-certezza morali hija bhal bejt miksi u mbattam. Huwa bizzejjed li jkun hemm xaqq zghir u zghir hafna biex tidhol ix-xita. Ma jibqax jghatti u jipprotegi. Ma hemmx bzonn jinqalghu terz tax-xorok. Bizzejjed fessura zghira li tnehhi s-sigurta`. Skond l-appellant, il-possibbli tad-difiza jissossa c-certezza tal-prosekuzzjoni, u dik ic-certezza ssir probabbilita`.

Fl-indirizz insibu dawn il-brani:

“Tista’ wkoll id-difiza, anke jekk ma tipprova xejn, permezz tal-Avukat difensur tissottomettilkom certi possibiltajiet, kif ghamel Dott. Brincat – illum smajna hafna spjegazzjonijiet illi tat id-difiza u dawk l-ispjegazzjonijiet, jekk intom iwasslukom biex taccettawhom sal-grad tal-probabbli biss, huma bizzejjed.”[9]

….

“Il-probabbli dak li l-aktar jigri, li x’aktarx jigri, iktar milli ma jigrix, fil-hajja normali, jekk inti ghidtli storja u nghid isma’ dan probabbli li gara, jigifieri aktarx iva milli le, gara. Jekk id-difiza tasal sa dan l-istadju, titla’ jigifieri ndana tarag wiehed ghand is-sur probabbli, kemm bil-provi li ggib – per ezempju f’dan il-kaz bil-*cross-examination* li ghamlet jew inkella b’dak li qal l-avukat difensur li beda jipprospettalkom certi affarijiet, per ezempju wahda minnhom hija, ipprospettalkom teorija li wiehed kien jghir ghall-iehor u allura forsi seta’ kien hemm xi interess li wiehed jaghmel, jugza lill-iehor u mhux veru. Hareg biha, ghandu kull dritt jipprospettahielkom din, ma smajniex provi fuqha, imma ghandu d-dritt jipprospettaha. Issa inti tridu tghidu, isma’ din li qed jghidilna hija xi haga probabbli, li x’aktarx kienet hekk milli mhux hekk ? Naturalment fuq il-bazi tal-provi li kien hawn ma tistghux timmaginawha din, imma meta wiehed janalizza l-provi, din it-teorija li hareg biha Dr. Brincat dalghodu, li seta’ Shaafi jwahhal f’Ibrahim ghax kien jghir ghalih ghaliex kien qed jikkompetilu, dan qed intihulkom bhala ezempju

[9] Indirizz pagna 2.

tafx, ghall-attenzjoni ta’ dan il-famuz Stephen li ma giex hawn ghaliex marid serjament, veru li tghid isma’ din li johrog biha l-avukat hija probabbli, jigifieri x’aktarx kien hekk milli ma kinitx hekk, jew hija biss possibilita` li ma tiswiex lanqas ghad-difiza jekk hija possibilita` biss, trid tkun naqra aktar minn possibbli, trid tkun probabbli, jigifieri x’aktarx kien hekk – taraw mill-provi x’kien hemm, jekk hemmx xi haga li twassalna biex nghidu iva dan x’aktarx ghamel hekk ghax kien jghir ghalih. Jekk intom tkun sodisfatti li dana meta gaza lil Ibrahim Shnishah, l-akkuzat, ghamilha biex jaghmillu xi vendikazzjoni ghax kien qed jaqlibhielu mal-*lover* tieghu, per esempju, u fuq il-provi li hemm hemm din il-probabbilita`, allura dik hija bizzejjed biex intom tacettawha – imma sa dak il-grad trid tasal, ma tridx tkun ghadha biss fil-limitu tal-possibbli, fit-tarag ta’ fejn toqghod is-sinjorina, dak mhux bizzejjed.”[10]

L-Imhallef li ppresjeda l-guri mbaghad ghadda biex jaghti zewg ezempji (ta’ l-iljun u tal-*jigsaw puzzle*) biex il-gurati jkunu jistghu jifhmu ahjar il-gradi differenti ta’ prova[11]. F’dan kollu din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura fl-indirizz. Huma anzi l-argumenti u l-ezempji ta’ l-appellant, minnu migjuba fir-rikors ta’ appell, li huma zbaljati legalment. Barra minn hekk meta l-appellant jghid illi d-difiza tista’ tasal twaqqa’ dak li kien cert b’fattur possibbli wiehed, bizzejjed li ma jkunx kimeriku jew *far-fetched*, din il-Qorti hi tal-fehma illi galadarba fattur mhuwiex kimeriku jew *far-fetched* allura x’aktarx ikun aktar minn possibbli u jidhol fil-livell tal-probabbli. Ghalhekk anke dan l-ilment qieghed jigi michud.

Din il-Qorti sejra tghaddi issa biex tikkunsidra **r-raba’ aggravju** fejn l-appellant qieghed jikkontendi li ma kienx hemm provi sufficjenti fuq il-komplicita`, fuq is-serq u lanqas fuq l-intenzjoni omicida.

Fuq il-komplicita` l-appellant jghid illi ix-xiehda ta’ El Baden kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll fl-inkjesta dwar l-*in genere* juru li mill-bidu nett El Baden bil-

[10] Indirizz pagni 19 – 20.
[11] Indirizz pagni 22 – 24.

gurament nehha lill-appellant mill-komplicita`. El Baden zgur ma kienx jaf bl-istrategija tal-prosekuzzjoni li se tifridhom u huwa jittella’ xhud. Quddiem il-Qorti Kriminali, jghid l-appellant, El Baden kien sod, car u univoku. Kien ghadu rrabjat ma’ l-appellant ghax baghtu ghand Alfie izda baqa’ jsostni li l-appellant ma kellux x’jaqsam. Jghid li “verament il-gurati ma kellhomx quddiemhom ix-xiehda ta’ El Baden imma jidher li kienet ukoll il-verzjoni li ta fil-guri tieghu stess. Jekk dik id-darba kellu interess li jahseb ghal gildu, fil-kaz attwali kellu gudikat definittiv kontra tieghu, u dak li kien qed jixhed ma kien ta’ l-ebda gid ghalih. U kien b’dan il-mod li wiegeb lill-Qorti meta qal li hu m’ghazilx li jixhed imma ghaliex baghtu ghalih. Ma kienx xhud imtella’ mid-difiza.” Huwa daqstant minnu, ikompli jghid l-appellant, li Ahmed Shaafi baqa’ jghid li l-appellant kien qallu li ta s-sikkina lil El Baden biex jisirqu lil Alfie Rizzo u joqtluh. Imma min, isaqsi l-appellant, kien jaf il-verita` minnhom it-tnejn? U liema verzjoni kellha aktar mis-sewwa?

Fuq is-serq l-appellant jghid illi hi stramba li ma nsteraq xejn ta’ siwi meta suppost il-pjan kien ghal serqa sew. Il-fatt tac-cavetta mghawga ghandu mitt elf spjegazzjoni u l-prosekuzzjoni ma tistax tieqaf fuq ipotesi minghajr prova. Sgass ma kienx hemm. Hadd ma gie qal kemm kien difficli biex jinfetah il-*cash-register*. B’xi mod infetah u hadd ma qal fil-process li kien hemm xi teknika specjali ghaliex ic-cavetta ma kinitx iddawwar u tiftah. Ma hemmx certezza morali ghaliex possibbli li tghawget b’mod l-aktar innocenti. Ma hemmx certezza morali li messha El Baden u ma fethitlux, ghaliex possibbli li l-anqas messha. Messha haddiehor u fethet u hadu r-ritratti. Ikompli l-appellant:

“Jekk ir-risposta hija li kien hemm is-serq tal-qalziet, allura wiehed irid ifakkar li kien hemm il-pjan mahsub minn qabel u konkordat. Kien hemm il-ftehim li jinsteraq qalziet? Jew it-tehid tal-qalziet u dak li accidentalment kien fih kien fatt kazwali li certament ma kien hemm l-ebda ftehim jew pjan jew komplicita` dwaru? Kien necessita` hazina kemm kienet hazina ta’ El Baden li ma riedx johrog bil-qalziet li kellu?

“U minfloku halla l-qalziet tieghu? Kwazi tigi t-tentazzjoni mhux mill-awturi legali inglizi imma dak is-*saying ‘exchange is no robbery’*.

“Certament ma hemm l-ebda prova ta’ xi pjan konkordat f’dan is-sens, u lanqas Ahmed Shaafi ma jafferma li kien hemm tali ftehim. El Baden ma jaffermax dan, u allura ma hemmx prova.

“Jista’ jinghad li l-gurati kellhom bizzejjed quddiemhom biex ragjonevolment jghidu li kien hemm is-serq miftiehem u li kien hemm komplicita` f’dan is-serq tal-qalziet?”

Fuq l-intenzjoni omicida l-appellant jissottometti li El Baden ma kellux l-intenzjoni omicida imma se mai dik li jaghmel ferita gravi fuq il-persuna li minnha giet il-mewt. Dawn kienu l-provi f’dan il-process. Jghid li huwa minnu li din il-Qorti fil-kaz ta’ El Baden eskludiet tali posizzjoni, imma dan meta kienet qed tikkunsidra akkuza ghaliha ta’ omicidju. Skond l-appellant, il-molteplicita` tad-daqqiet, fejn kienu fuq in-naha ta’ fuq, il-fatt li xehdet Dr. Ellul bhala esperta tal-awtopsja li kieku kien hemm intervent fuq il-feriti gravi kienet tissalva l-hajja, fuq il-fatt li Alfie Rizzo ma mietx mal-ewwel, il-verzjoni tal-fatti kif migjuba minn El Baden f’dan il-kaz kollha jindikaw li kien hemm bizzejjed biex tinstab htija biss tal-ferita gravi segwita bil-mewt. Dan pero` ma kienx possibbli ghaliex l-Imhallef stess qal li ma kienx hemm ghalfejn jidhlu fiha l-gurati.

Evidentement dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta’ revizjoni u, in ezekuzzjoni ta’ din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Magistrat fl-*in genere* u mill-Qorti Istruttorja u d-dokumenti esibiti, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f’dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef (salv dak li ntqal dwar it-tieni kap), setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta’ l-appellant fir-rigward ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-

apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b’taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment, jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b’mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[12].

F’**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**“The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word ‘unsafe’ should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a ‘lurking doubt’ as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

---

[12] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta’ Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta’ Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta’ Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta’ Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi**, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta’ April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta’ Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta’ Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta’ Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta’ Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta’ Mejju 1991.

**‘[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court’s powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it’.”**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u**

**jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda u d-dokumenti esibiti, ezaminat ukoll l-atti kollha tal-kumpilazzjoni, hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konjizzjoni taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant kien hati taz-zewg kapi ta' l-att ta' akkuza, salv rigward il-kwalifika ta' "lok" fl-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza.

2. Bhala fatt jirrizulta illi fl-4 ta' Frar 1998 Alfie Rizzo nqatel fil-hanut tieghu "Alfie's Saloon" fil-Gzira b'daqqiet ta' sikkina minn Aimen Said Giali El Baden li originarjament tressaq il-Qorti flimkien ma' l-appellant odjern izda, wara li saret separazzjoni tal-gudizzju, il-kaz kontra tieghu gie definittivament deciz b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Settembru 2004. Permezz ta' dik is-sentenza giet ikkonfermata sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-14 ta' Mejju 2002 li biha l-imsemmi El Baden instab hati talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, ikkaguna il-mewt ta' Alfie Rizzo, mhux hati li fl-istess jum u post ikkommetta serq kwalifikat bil-hin, post u vjolenza, izda biss hati ta' serq ta' oggetti u flus li jiswew inqas minn mitt lira izda aktar minn ghaxar liri, liema serq hu kwalifikat bil-hin, u hati li kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

3. L-imsemmi El Baden kien originarjament irrilaxxja zewg stqarrijiet lill-Pulizija fejn implika lill-appellant bhala l-mandanti tieghu. Meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, cioe` fl-inkjesta dwar l-*in genere*, pero`, cahad kemm l-involviment tieghu nnifsu kif ukoll l-involviment ta' l-appellant. Quddiem il-Qorti Kriminali (fil-guri ta' l-appellant odjern), El Baden ammetta li kien hu li qatel lil Alfie Rizzo u qal li l-appellant kien baghtu ma' Alfie Rizzo ghall-iskop ta' sess. Dak li El Baden seta' qal kontra l-appellant fl-istqarrijiet precedenti tieghu ma jaghmilx prova kontra l-appellant (artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. El Baden ma kienx konsistenti fid-diversi dikjarazzjonijiet tieghu. Fix-xiehda tieghu fil-guri ta' l-appellant, El Baden ta, f'hinijiet differenti, ragunijiet differenti ghaliex kien wahhal fl-appellant: kien zghir u tefghuh gharwien sat-3.00 a.m. id-Depot u ghamlu bih li riedu, il-kliem uzat fl-istqarrijiet kien il-kliem li qal Ahmed Shaafi lill-Pulizija, beda jfarfar fuq l-appellant ghax kien hu li baghtu ma' Alfie Rizzo, kien zghir u lanqas kien jaf x'qed jghid dak iz-zmien. Mix-xiehda tieghu stess pero` jirrizulta li ma kienx gharwien izda kien liebes J-suit li jintuza waqt l-investigazzjonijiet forensici. Wara li ghal diversi drabi qal li lill-Pulizija qallhom storja ohra ghax Ahmed qallhom hekk, mistoqsi kif kien jaf li Ahmed kien qallhom hekk, ghalkemm deher titubanti biex iwiegeb, jidher li wara kollox kien assuma hekk ghax kien tkellem mieghu dwar il-kaz. Dwar li kien zghir u ma kienx jaf x'qed jghid, ikollu jigi osservat illi l-istqarrijiet ta' El Baden huma pjuttost dettaljati u in parti kkonfermati minnu meta xehed quddiem l-ewwel Qorti. Inoltre l-ispjegazzjonijiet tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn innega l-involviment tieghu u ta' l-appellant juru certu kapacita` li wiehed jiddistingwi u jiddiskrimina.

5. Ahmed Shaafi kien joqghod fl-istess appartament ma' l-appellant u ma' certu Stephen Sammut. Shaafi xehed li dakinhar stess tal-qtil ta' Alfie Rizzo, l-appellant u El Baden marru l-appartament u ra dmija fuq il-qmis ta' El Baden u f'idejh. Aktar tard meta kienu hargu, qalulu li El

Baden kien qatel lil Rizzo. L-ghada filghodu, xehed Shaafi, kienu l-appartament u hu saqsa lill-appellant kif gara l-kaz. Skond dan ix-xhud l-appellant wiegbu: “Jiena tajtu l-mus ‘l Aimen biex joqtol lil Alfie” u li dan ghamluh ghax riedu jisirquh minhabba l-flus. Dana Shaafi kien dejjem konsistenti fil-verzjoni tieghu. Jigifieri hawn ghandna xhud konsistenti u x-xiehda tieghu biss kienet bizzejjed sabiex jigu ppruvati l-fatti ta’ komplicita`, serq u omicidju. U l-gurati setghu legalment u ragjonevolment jaccettaw ix-xiehda tieghu.

6. L-appellant jallega li Shaafi xehed kif xehed ghax kellu interess li jaghmel hekk minhabba ghira fil-konfront tieghu ghax hu pprova jaqilghu minn ma’ Stephen Sammut. Dak li jirrizulta hu, kif jixhed Shaafi stess, li “wara li nqalghet din il-kawza, kien hu pprova jaghmel xi haga ma’ Stephen, u qal lil Stephen biex ikeccini ‘l barra mill-flat, u keccieni. Imbaghad mort noqghod il-Gzira, imbaghad Birkirkara, imbaghad ergajt lura.” Jidher li dan sehh bejn meta miet Rizzo u qabel ma ttellghu l-Qorti El Baden u Shnishah. Ma jirrizultawx id-dati precizi. Mill-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta li Shaafi gie interrogat mill-Pulizija l-Hadd 15 ta’ Frar 1998. Meta xehed quddiem il-Qorti Istruttorja fis-16 ta’ Frar 1998 qal li sa dakinhar kien joqghod ma’ l-imsemmi Sammut. Stephen Sammut xehed fit-18 ta’ Frar 1998 u qal li huwa joqghod wahdu izda sal-Hadd ta’ qabel kien joqghod flimkien ma’ Shaafi u l-appellant. Jekk Shaafi rega’ lura joqghod ma’ Stephen Sammut fil-perijodu qabel ma xehed fil-Qorti Istruttorja – u anke meta kien qieghed jixhed waqt il-guri stqarr li kien qieghed joqghod ma’ l-imsemmi Sammut – ma jidhirx illi allura dak li ghamel l-appellant kien bizzejjed biex igieghel lil Shaafi jivvinta dawk id-dettalji kollha li huwa ta mhux biss lill-Pulizija izda anke xehedhom fl-inkjesta u quddiem il-Qorti Istruttorja.

7. L-appellant jirreferi ghax-xiehda ta’ Stephen Sammut fejn dan semma *penknife* li kellu f’idejh l-appellant u ghall-ezenzjoni li taghti l-ligi ghall-*penknives*. Issa, mix-xiehda mhux kontradetta ta’ Stephen Sammut jirrizulta li l-appellant kien urieh “xi stallett jew ahjar xi *penknife* pero` daqsxejn kbir” fil-flat ta’ Sammut. Sammut jiddeskrivi “dan l-istallett” bhala li l-*handle* kien ta’ kulur kannella, twil bejn

wiehed u iehor xi sitt pulzieri u bix-xafra li kienet tinghalaq gewwa l-*handle*. Jghid li x-xafra kienet twila daqs bejn wiehed u iehor il-manku tal-istallett. Ix-xafra ma kinitx wiesa' hafna, forsi ta' pulzier u nofs, u x-xafra kienet dritta. Jidher li din l-arma kienet impressjonat lil Sammut tant li jghid: "Meta urieni dan il-mus Ibrahim, jiena ghidtlu 'dan x'ghandek bzonnu?' Hu wegibni 'hekk'. U fil-fatt ghidtlu biex ma jgibux mieghu u ghidtlu li jekk il-Pulizija jarawh bih jista' jkollu problemi maghhom, pero` sa fejn naf jien gabu fuq persuntu mieghu. Huwa kien wegibni illi peress li l-mus kien ser ikun fuq il-persuna tieghu, il-problema kienet biss tieghu." Mid-deskrizzjoni li ta Sammut ma tantx jidher li l-arma in kwistjoni setghet tigi deskritta bhala *"penknife"*, ossia fit-test Malti "temprin". F'**The Concise Oxford Dictionary**, *penknife* huwa deskritt bhala *"small folding knife usually carried in pocket"*. *"Penknife"* huwa strument zghir hafna ntiz primarjament biex wiehed isinn biha l-*"quill"* u, aktar tard, il-lapsijiet. Dak li ddeskriva Stephen Sammut ma jistax jitqies bhala *"small"* u anqas bhala *"penknife"*.[13] Ghalhekk l-ezenzjoni li kienet taghti l-Ordinanza dwar l-Armi permezz ta' l-artikolu 15(a) zgur mhux applikabbli ghall-kaz in ezami. Isegwi wkoll li l-ispjegazzjoni zbaljata li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta dwar il-kwistjoni jekk wiehed jaqbad sikkina f'idejh meta jkun f'daru, ma seta', fic-cirkostanzi tal-kaz, ikollha ebda influwenza fuq il-verdett dwar it-tieni kap.

8. Kif diga` ntqal, Shaafi xehed li l-appellant stqarr mieghu li kien hu li ta l-"mus" lil El Baden. Stephen Sammut xehed li l-appellant kien urih mus xi tliet gimghat qabel dakinhar li fih kien qieghed jixhed (it-18 ta' Frar 1998). Fil-15 ta' Frar 1998 kienu marru tliet pulizija jaghmlu tfittxija fil-flat tieghu u kien hemm prezenti l-appellant. Il-pulizija ma sabux il-mus li Sammut xehed dwaru. "F'qalbi ghidt 'x'sar minnu dan il-mus?' peress li kien urihuli qabel." Il-vittma kellu numru kbir ta' *stab wounds*, l-aktar fondi kienu dawk li dahlu fil-*pleural cavity*, wahda 10.8 cm (fuq in-naha tal-lemin) u l-ohra 6.5 cm (dik li ppenetrat il-pulmun in-naha tax-xellug).[14]

---

[13] Illum kull dubju tnehha peress illi l-artikolu 7(a) tal-Kap. 480 jirreferi ghal "mus li jkollu xafra li tohrog mhux aktar minn tmien centimetri mill-maqbad".
[14] Ara rapport nekrologiku mhejji minn Dr. Bridget Ellul u Dr. Andrew Falzon.

9. L-appellant jissottometti illi El Baden ma kellux l-intenzjoni omicida imma se mai dik li jaghmel ferita gravi fuq il-persuna li minnha giet il-mewt. Meta wiehed iqis ix-xiehda ta’ Ahmed Shaafi li xehed dwar dak li kienu qalulu kemm l-appellant u El Baden, in-numru ta’ offizi (sbatax), in-natura u l-posizzjoni taghhom, u d-*defensive wounds* li l-vittma sofra fuq idejh, din il-Qorti hi sodisfatta li l-gurati setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu li kienet tezisti f’El Baden l-intenzjoni omicida. Il-fatt innifsu li El Baden mar armat suppost biex ikollu relazzjoni sesswali mal-vittma, seta’ wkoll sahhah il-fehma tal-gurati. Bhalma seta’ sahhah il-fehma taghhom li ma ghamilx tentattiv biex jahrab minn fuq il-post jekk verament kien qieghed jirreagixxi ghar-rikjesti li dehrlu improprji min-naha tal-vittma.

10. Kwantu ghas-serq, ma jirrizultax li sar xi serq mill-*cash register* u fi kwalunkwe kaz l-appellant ma giex akkuzat b’tentattiv ta’ serq izda b’komplicita` f’serq ta’ oggetti u flus li jiswew anqas minn mitt lira izda aktar minn ghaxar liri. Filwaqt illi ma jistax jinghad illi kien hemm il-*common design* sabiex jinsteraq il-qalziet tal-vittma, mix-xiehda ta’ Ahmed Shaafi u li setghet titwemmen mill-gurati jirrizulta li l-*common design* kien is-serq ta’ flus. El Baden xehed li fil-qalziet tal-vittma li libes minflok tieghu ghax tieghu kien imcappas bid-demm, kien hemm Lm20 u li dawn zammhom. Jigifieri l-akkuza ta’ serq giet assodata wkoll.

11. Ghalhekk is-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu legalment u ragjonevolment ma jemmnux il-verzjoni li ta El Baden waqt il-guri filwaqt li setghu, legalment u ragjonevolment, joqoghdu fuq il-verzjoni ta’ Shaafi.

Issa, l-appellant jilmenta wkoll illi hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti ghaliex l-awtur (El Baden), mhux minhabba xi cirkostanza personali li mhix komunikabbli, gie misjub hati ta’ reat anqas gravi. Dan jghidu peress illi l-awtur (cioe` El Baden) gie gudikat u fuq is-serq gie misjub hati biss li dan kien aggravat bil-hin u ma hemm l-ebda kundanna li kien

aggravat bl-omicidju. Fil-kaz ta’ l-awtur l-akkuza ta’ omicidju nghatat separatament. Ghalhekk, jghid l-appellant, l-awtur jista’ jghid li gie misjub hati biss fuq serq aggravat bil-hin filwaqt illi l-komplici tieghu ghandu aggravanti ohra li minnha l-awtur gie lliberat. Skond l-appellant dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ligi penali ghax il-komplici ma jistax jehel aktar mill-hati bhala dikjarazzjoni ta’ htija.

Huwa minnu illi fil-kaz ta’ l-akkuza ta’ serq ikkwalifikat, El Baden gie lliberat mill-kwalifika ta’ “vjolenza”. Izda kif diga` gie deciz, f’dan il-kaz, fid-dawl tal-provi migjuba quddiemhom, il-gurati setghu, legalment u ragjonevolment, jikkonkludu kif ikkonkludew. Dan ifisser illi jekk se mai ttiehed zball fil-proceduri kontra El Baden ma jfissirx illi ghandu jittiehed zball f’dawn il-proceduri wkoll li, wara kollox, saru indipendentement minn dawk ta’ l-awtur. Iz-zewg gurijiet huma indipendenti wiehed mill-iehor – progressjoni logika minn dak li jipprovdi wkoll l-artikolu 46 tal-Kap. 9. Barra minn hekk il-piena massima applikabbli kemm fil-proceduri kontra El Baden kif ukoll dawk odjerni hija dik ta’ prigunerija ghall-ghomor peress illi sija fil-kaz ta’ omicidju volontarju sija fil-kaz ta’ serq li jsir flimkien ma’ l-omicidju volontarju l-piena hija l-istess. Ghalhekk dan l-ilment ta’ l-appellant qieghed jigi michud.

Il-**hames aggravju** jirrigwarda l-piena. L-appellant jirreferi ghall-verdett tal-gurati li kien ta’ sitta bi tlieta ghal htija u jghid li l-piena statutorja ma tibqax dik iffissata mil-ligi bhal meta l-verdett ikun unanimu. Il-pieni kollha jaghtu diskrezzjoni lill-gudikant u hekk ukoll f’dan il-kaz fejn il-minimu huwa ta’ tnax-il sena sal-massimu ta’ l-ghomor. L-appellant isostni li meta kienu qed isiru s-sottomissjonijiet dwar il-piena, u l-avukat difensur qal li tliet gurati ma qablux mal-htija, l-Imhallef sedenti qal li mhux necessarjament kienu qed jghidu li mhux hati imma setghu kienu qed itendu lejn verdett ta’ reat kompriz u involut u mhux possibbli tezamina mohh il-gurati. Il-verdett huwa verdett. Tliet gurati qalu li ma kienx hemm htija skond l-att ta’ l-akkuza, u dan minkejja li l-Imhallef kien qal li m’ghandhomx jibzghu li jkunu unanimi kemm kontra u kemm favur l-akkuzat. “Il-kumment ghal min irid jifhem

kien car.” Il-fatt li l-piena hija diskrezzjonali, jissokta jghid l-appellant, ma jfissirx li ma kienx hemm ragunijiet ghala ma kellhiex tinghata piena anqas. Ikompli jghid illi mhuwiex legittimu ghal kollox li flok fuq il-fatt misjub mill-gurati jkun hemm kundanna b’ragunijiet ibbazati fuq xi haga li grat wara, u cioe` reat iehor li gara wara u li tieghu diga` hallas l-appellant. Il-piena applikabbli u l-konsiderazzjonijiet ghandhom ikunu fil-mument tar-reat u mhux aktar minn sitt snin u nofs wara. L-appellant kien ghadu zghir u l-motivazzjoni tal-Qorti fuq dnubiet ohra tieghu sesswali kienet irrilevanti u ma kellhiex lanqas biss tissemma’.

Kif inghad recentement minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fis-26 ta’ Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Carmen Butler**,

**“…il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta’ l-ewwel qorti) li kien jincidi b’mod partikolari fuq il-piena. S’intendi, kif diga` nghad, “sentencing is an art rather than a science” u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta’ kaz ma’ iehor jew tal-piena erogata f’kaz ma’ dik erogata f’kaz iehor.”**

Issa, l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta jipprovdi hekk fit-tieni subartikolu tieghu:

**“(2) Il-qorti tista’ taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta’ fatt li ghalih hemm stabbilita l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi.”**

Jigifieri m'hemmx dubju li l-erogazzjoni tal-piena anke fejn il-gurati ma jkunux unanimi tkun fid-diskrezzjoni tal-Qorti li mhijiex tenuta taghti piena anqas minn dik massima. Interessanti pero` f'dan il-kaz is-sottomissjoni ta' l-appellant li waqt li kienu qeghdin isiru s-sottomissjonijiet dwar il-piena, u l-avukat difensur tieghu qal li kien hemm tliet gurati li ma qablux mal-htija, l-Imhallef sedenti qal li mhux necessarjament kienu qed jghidu li mhux hati izda setghu kienu jtendu lejn verdett ta' reat kompriz u involut. Il-verita` hi li mhuwiex possibbli li wiehed jezamina mohh il-gurati u huwa ghalhekk li anke verdett minimu jitqies bhala verdett legali b'dan li tinghata l-fakolta` lill-Qorti biex tiddetermina piena anqas. Jekk, bhalma kkummenta l-Imhallef li ppresjeda l-guri, seta' kien hemm tliet gurati li kienu qed itendu ghal htija dwar reat kompriz u involut, ifisser li kienu qed itendu ghal htija inqas li allura ggib piena inqas – fattur li kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti favur l-appellant meta giet ghall-erogazzjoni tal-piena.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li rrizulta li l-appellant kien speci ta' *leader* ta' numru ta' zghazagh Libjani u li kien jezercita certa nfluwenza fuqhom fiz-zmien tad-delitt. Fix-xiehda tieghu Stephen Sammut qal li kien hemm grupp ta' sebgha jew tmienja Libjani u l-appellant kien qisu l-*leader* taghhom u kien jiddeciedi hu min, fost hbiebu, kien ser imur ma' min. Fi zmien ir-reat l-appellant kien ghad ghandu ghoxrin sena u jekk, mill-favuri sesswali, l-appellant kellu xi qligh, ikollu jinghad li huwa ma giex akkuzat f'dawn il-proceduri li kien qieghed jaghmel qligh minn fuq il-prostituzzjoni.

Kwantu ghall-harba tieghu mill-habs u reati ohra minnu kommessi waqt il-harba, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-appellant skonta jew qieghed jiskonta sentenza ta' sitt snin prigunerija "u li m'ghandux jerga' jigi kastigat dwarhom". Izda mbaghad kompliet tghid li dan juri li ma kienx nidem ta' dak li kien wettaq fid-delitt in kwistjoni u li harab biex jevita li jiskonta d-dejn tieghu mas-socjeta` b'hekk li jaqa' taht il-kategorija ta' kriminali li jikkostitwixxu minaccja serja ghas-socjeta`. B'dan jidher, pero`, illi l-ewwel Qorti kompliet tikkastiga l-appellant ghal dik il-

harba. Kull persuna hija kapaci tbiddel hajjitha u anke mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellant ma jirrizultax ksur iehor tal-ligijiet ta’ pajjizna. Apparti dan, hu necessarju li tinzamm certa proporzjonalita` mal-piena erogata fil-konfront ta’ l-awtur tad-delitt – El Baden – li kien inghata piena ta’ hamsa u ghoxrin sena prigunerija.

Ghal dawn ir-ragunijiet hemm lok ta’ modifika fil-piena.

Fl-ahharnett l-appellant isostni li ma kellux jigi ordnat ihallas l-ispejjez peritali peress illi ma kienx hemm talba skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hawn l-appellant m’ghandux ragun. Difatti fl-ewwel kap ta’ l-att ta’ akkuza ssir referenza specifika ghall-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Kwindi dan l-ilment qieghed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghall-ghomor u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tletin sena (ghal liema piena hu applikabbli l-artikolu 22 tal-Kap. 9 kif emendat bl-Att III tal-2002) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------